# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 320/01mm**

**Aquatess Limited**

**vs**

**Omar Caruana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm283.71) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-29 ta' Settembru, 2000, 14 ta' Novembru, 2000, 15 ta' Dicembru, 2000, 16 ta' Jannar, 2001, u 15 ta' Frar, 2001, u bl-imghax tat-8% fuq Lm283.71 mid-29 ta' Settembru, 2000, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.